



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2020
(OR. en)

7115/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0046(NLE)

MAR 44

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' April 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 117 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 117 final.

Mehmuż: COM(2020) 117 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.3.2020
COM(2020) 117 final

2020/0046 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll mill-Istat tal-Port, b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-deċiżjonijiet meħtieġa għall-funzjonament korrett tar-reġim tal-UE dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (PSC) kif stabbilit fid-Direttiva 2009/16/KE¹.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

Il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi ("MtQ ta' Pariġi") jipprevedi reġim ta' spezzjoni internazzjonali għall-vapuri barranin f'portijiet nazzjonali oħra minn uffiċjali tal-PSC sabiex jiġi vverifikat li l-kompetenza tal-kaptan, tal-uffiċjali u tal-ekwipaġġ abbord, il-kundizzjoni tal-vapur u t-tagħmir tiegħu jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet internazzjonali, u li l-bastiment ikun ikkontrollat u operat f'konformità mal-liġi internazzjonali applikabbli. L-MtQ ta' Pariġi ġie ffirmat fis-26 ta' Jannar 1982.

Id-Direttiva 2009/16/KE (kif emendata) tinkludi l-proċeduri u l-għodod tal-MtQ ta' Pariġi. L-Istati Membri kollha tal-UE b'portijiet marittimi², kif ukoll il-Kanada, ir-Russja, l-Iżlanda u n-Norveġja, huma membri tal-MtQ ta' Pariġi. L-Unjoni Ewropea mhijiex membru tal-MtQ ta' Pariġi.

2.2. L-att previst tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-MtQ ta' Pariġi

Sabiex il-PSC fl-Unjoni jiffunzjona, iridu jittieħdu għadd ta' deċiżjonijiet kull sena fil-kuntest tal-MtQ ta' Pariġi. Dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu b'konsens, fl-avveniment annwali "Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port" (PSCC) li jiltaqa' f'Mejju ta' kull sena. Bis-saħħa tad-Direttiva 2009/16/KE, id-deċiżjonijiet li jieħu l-korp kompetenti x-xieraq tal-MtQ ta' Pariġi jorbtu wkoll lill-Istati Membri tal-UE.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-MtQ ta' Pariġi meta dawn jintalbu jadottaw atti li jkollhom effetti legali trid tiġi adottata permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni.

¹ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

² Il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, Spanja u r-Renju Unit aderew mal-Memorandum fis-26 ta' Jannar 1982. Il-Bulgarija aderiet mal-Memorandum fl-10 ta' Mejju 2007. Il-Kroazja aderiet mal-Memorandum fit-8 ta' Novembru 1996. Ċipru aderixxa mal-Memorandum fit-12 ta' Mejju 2006. L-Estonja aderiet mal-Memorandum fit-12 ta' Mejju 2005. Il-Latvja aderixxiet mal-Memorandum fit-12 ta' Mejju 2005. Il-Litwanja aderiet mal-Memorandum fit-12 ta' Mejju 2006. Malta aderiet mal-Memorandum fit-12 ta' Mejju 2006. Il-Polonja aderiet mal-Memorandum fis-27 ta' Novembru 1991. Ir-Rumanija aderiet mal-Memorandum fl-10 ta' Mejju 2007. Is-Slovenja aderiet mal-Memorandum fil-15 ta' Mejju 2003.

Fl-2016, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/381³ stabbiliet il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-PSCC għall-perjodu 2016-2019. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ġiet stabbilita abbażi ta' approċċ b'żewġ livelli. Id-Deċiżjoni nnifisha tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali. Dan ġie aġġustat għal kull laqgħa annwali tal-PSCC permezz ta' dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu tal-Kunsill. Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni għall-PSCC għall-perjodu 2020-2024.

L-approċċ previst f'din il-proposta huwa dovut għall-karatteristiċi tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-MtQ ta' Pariġi. Ir-regoli interni tal-MtQ ta' Pariġi jiffissaw bħala l-aħħar data għas-sottomissjoni ta' kwalunkwe dokument mill-membri tiegħu u minn task forces inkarigati bl-iżvilupp ta' linji gwida u struzzjonijiet, sitt ġimgħat qabel il-laqgħa tal-PSCC. Huwa biss f'dak il-punt li d-dokumenti kollha mibgħuta jkunu disponibbli, u li l-Kummissjoni tkun tista' tibda l-analiżi tagħha bil-għan li tħejji proposta għal pożizzjoni kkoordinata tal-Unjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE, li mbagħad ikollha tiġi adottata mill-Kunsill. Billi ftit ikun hemm żmien biex issir din l-analiżi, biex titħejja l-proposta tal-Kummissjoni u biex il-Kunsill jadottaha, il-proċess biex tiġi speċifikata l-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għall-oħra huwa stipulat fl-Anness 2.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim⁴.

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Huwa jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*⁵.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-MtQ ta' Pariġi huwa korp stabbilit bi ftehim.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/381 tal-14 ta' Marzu 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kontroll mill-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port (ĠU L 72, 17.03.2016, p. 53).

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

L-att li l-MtQ ta' Pariġi huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti ġuridiċi. L-att previst jista' jinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port minħabba li l-PSCC tal-MtQ ta' Pariġi jadotta għadd ta' deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu kull sena sabiex id-Direttiva tiffunzjona tajjeb.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-għan u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-għan u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw it-trasport. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2).

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port ("MtQ ta' Pariġi") ġie ffirmat f'Pariġi fis-26 ta' Jannar 1982 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1982. Skont it-Taqsima 8.1 tal-MtQ ta' Pariġi, kwalunkwe awtorità marittima tista' tipproponi emendi għalih. Barra minn hekk, skont it-Taqsima 7.1 tal-MtQ ta' Pariġi, il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port ("PSCC") huwa magħmul minn rappreżentant ta' kull waħda mill-awtoritajiet marittimi u tal-Kummissjoni u għandu l-kompetenzi stabbiliti fit-Taqsima 7.3. Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-PSCC, peress li d-deċiżjonijiet li jieħu l-korp kompetenti tal-MtQ ta' Pariġi huma rilevanti għall-qafas legali tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.
- (2) Id-Direttiva 2009/16/KE tistabbilixxi r-reġim ġuridiku tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port u tifformula mill-ġdid u ssaħħa l-leġislazzjoni preċedenti tal-Unjoni f'dan il-qasam, li ilha fis-seħħ mill-1995. Dak ir-reġim ġuridiku tal-Unjoni huwa bbażat fuq l-istruttura li kienet teżisti qabel tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, li huwa organizzazzjoni internazzjonali stabbilita 1982. Fir-rigward tal-Istati Membri, id-Direttiva 2009/16/KE tinkorpora b'mod effettiv il-proċeduri, l-għodod u l-ħidma tal-MtQ ta' Pariġi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.
- (3) Il-PSCC tal-MtQ ta' Pariġi jiltaqa' kull sena, u fil-laqgħat tiegħu jiddeċiedi dwar għadd ta' punti fl-aġenda meħtieġa għat-tħaddim tad-Direttiva 2009/16/KE.
- (4) Ir-regoli interni tal-MtQ ta' Pariġi jipprevedu bħala l-aħħar data għas-sottomissjoni ta' kwalunkwe dokument mill-membri tiegħu u minn task forces inkarigati bl-iżvilupp ta' linji gwida u struzzjonijiet, sitt ġimgħat qabel il-laqgħa tal-PSCC. Huwa biss f'dak il-punt li d-dokumenti kollha mibgħuta jkunu disponibbli, u li l-Kummissjoni tkun tista' tibda l-analiżi tagħha bil-għan li tħejji proposta għal pożizzjoni kkoordinata tal-Unjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Peress li ż-żmien disponibbli għal din l-analiżi u għall-adozzjoni ta' proposta huwa qasir, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji ta' gwida u orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi multiannwali, flimkien mal-qafas għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena.

⁶ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

- (5) Din id-Deċiżjoni għandha tkopri l-perjodu 2020-2024.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni, li l-awtoritajiet marittimi tagħhom huma membri tal-PSCC tal-MtQ ta' Pariġi, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa annwali tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port ("PSCC") tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port ("MtQ ta' Pariġi") hija stipulata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat annwali tal-PSCC tal-MtQ ta' Pariġi hija stipulata fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-PSCC tal-MtQ ta' Pariġi fl-2024.

Artikolu 4

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa, mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-PSCC tal-MtQ ta' Pariġi, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President